# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

MARZU
ĠUNJU
1972


# GĦALIEX DAN IL-KTIEB

Dr. Antonju Cremona, D.Litt (Hons. Causa) kien bniedem ta' ġenju prolifiku. Hu magħruf bħala studjuż, filologu, bijografu lingwist, folklorist, dramatist, novellist, prożatur u poeta; kiteb għadd kbir ta' kotba, opuskoli, kontribuzzjonijiet u artikoli bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż. Ma hawnx student li ma hejjiex ruħu għall-eżamijiet minn fuq il-grammatiki ta' Cremona, ma hawnx skular li jinteressa ruħu fuq l-istruttura tal-ilsien Malti li ma qarax ix-xogħlijiet ta' Cremona, ma hawnx qarrej tal-kotba Maltin li ma jafx bil-"Fidwa tal-Bdiewa" ta' Cremona.

Cremona hu wieħed mill-bennejja tal-letteratura Maltija, u ħadd ma jista' jiċħad li jistħoqqlu post ta' ġieh fil-qasam letterarju ta' pajjiżna, imma llum ħadd ma jista' jgħid sewwa sew fejn hu l-post li jmissu u jixraqlu fost il-letterati kbar tagħna. Aħna lil Cremona nafuh magħna, inħobbuh u ngħożżuh, inħossu ruħna li għadna miġbudin wisq lejh biex nagħmlu kritika ħielsa minn kull ġibda lejh.

'Il quddiem, meta jgħaddi ż-żmien, il-kritika tkun aktar oġġettiva. Il-kotba u l-kitba ta' Cremona jkunu miflijin bil-għaqal minn studjużi u skulari li ma jafuhx bħala ħabib, u li jqisu u jiżnu bil-għerf u bir-reqqa x-xogħlijiet ta' Cremona biex isibulu l-post li jistħoqqlu fit-tempju tal-ġenju Malti.

Ħafna drabi l-bniedem intellettwali nkunu nafu x'isarraf wisq wara li jmut, għax l-intellett għandu mnejn ma jkunx magħruf tajjeb minn ġenerazzjoni, imma mbagħad iqajjem għaġeb ta' ħerqa fil-ġenerazzjoni ta' wara. Jista' wkoll jiġri l-kuntrarju; imma aħna nħossu li isem Cremona ma jikfes qatt fis-sema letterarju ta' Għiritna. Mela nħallu l-fehma aħħarija għal dawk li jiġu warajna.

Għalhekk aħna f'din il-ħarġa ma bi ħsibniex nagħmlu la kritika, la apprezzament u l-anqas komment dwar Cremona bħala awtur jew dwar il-kotba u l-istudji tiegħu. Dawk il-kotba u l-kontribuzzjonijiet jibqgħu hemm għaż-żmien li ġej, u kull min jitħajjar jistudjahom, jista' jdum kemm irid iqalleb, imaħħaħ u

jistħarreġ fuqhom biex jirqem bir-reqqa u jagħti l-fehma tiegħu dwar is-siwi u l-fejda tagħhom.

Aħna ħriġna dan il-ktieb b'tifkira għażiża ta' Cremona bħala s-Sur Nin, ħabib tal-qalb u d-dekan fost il-Membri Akkademiċi. Ħassejna ruħna fid-dmir li nagħmlu hekk mhux biss għax is-Sur Nin kien wieħed mill-Fundaturi tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", illum l-"Akkademja tal-Malti" u għal bosta snin Viċi-President tagħha, imma wkoll għax baqa' sa l-aħħar miġbud lejha u jħabrek, u telaq biss minn Viċi-President meta ħass ruħu ma jiflaħx jistinka aktar, kif kitbilna hu nnifsu f'waħda mill-aħħar ittri tiegħu.

Il-ħsieb tagħna meta ħriġna dan il-ktieb kien li nfasslu xbieha tas-Sur Nin bħala l-bniedem umanitarju li kien, bniedem ta' sentimenti għoljin, ħabib tassew, u mimli tjieba lejn għajru, kif jafuh dawk kollha li kellhom ix-xorti jagħmluha miegħu.